ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 250

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

24 ta' Settembru 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 837/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1418/2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni ta' rkupru ta' ċerti tipi ta' skart lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax** ([1]) ... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni** ([1]) ... 5

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 839/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ... 12

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 840/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-laħam taċ-ċanga ... 14

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 841/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ... 18

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 842/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 ... 20

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 843/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għas-seba' stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 447/2010 ... 22

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Prezz: 3 EUR

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/569/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ġunju 2010 dwar l-għajnuniet fiskali mogħtija minn Franza lill-Fond ta' Prevenzjoni tar-Riskji tas-Sajd u lill-impriżi tas-sajd (Għajnuna mill-Istat C 24/08, (ex NN 38/07))** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3938)* ([1]) 23

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 837/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1418/2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni ta' rkupru ta' ċerti tipi ta' skart lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati,

Billi:

Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet mil-Liberja għat-talbiet bil-miktub tagħha għal konferma bil-miktub li l-iskart li jinstab elenkat fl-Anness III jew IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u li l-esportazzjoni tiegħu mhix ipprojbita skont l-Artikolu 36 jista' jiġi esportat mill-Unjoni Ewropea għal irkupru f'dan il-pajjiż u għal indikazzjoni mingħandu dwar liema proċedura ta' kontroll, jekk ikun hemm din il-proċedura, se tiġi segwita. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll aktar informazzjoni dwar l-Andorra, iċ-Ċina, il-Kroazja u l-India. L-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 [2] għandu għalhekk jiġi emendat biex jikkunsidra dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 hu emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-14-il jum mill-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

[2] ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.

ANNESS

(1) L-annotazzjoni għall-Andorra tinbidel b’dan li ġej:

“**L-Andorra**

(a)	(b)	(c)	(d)
	l-iskart kollu elenkat fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006”		

(2) L-annotazzjoni għaċ-Ċina tinbidel b’dan li ġej:

“**Iċ-Ċina**

(a)	(b)	(c)	(d)
Minn B1010: — Metalli prezzjużi (bl-eċċezzjoni tad-deheb, tal-platinum) — Ruttam tal-Molibdenu — Ruttam tal-Kobalt — Ruttam tal-Manganiż — Ruttam tal-Indju — Ruttam tat-Torju — Ruttam tal-membri tal-grupp ta’ elementi metalliċi rari — Ruttam tal-Kromju			Minn B1010: — Metalli prezzjużi (id-deheb, il-platinum) — Ruttam tal-ħadid u tal-azzar — Ruttam tar-ram — Ruttam tan-nîkil — Ruttam tal-alluminju — Ruttam taż-żingu — Ruttam tal-landa — Ruttam tat-tungstenu — Ruttam tat-tantalu — Ruttam tal-manjesju — Ruttam tal-bismut — Ruttam tat-titanju — Ruttam taż-żirkonju — Ruttam tal-ġermanju — Ruttam tal-vanadju — Ruttam tal-Ħafnju, tan-Niobju, tar-Renju u tal-Gallju
B1020–B1040			
			B1050
B1060			
			B1070
B1080-B1100			
			B1115
Minn B1120: kull skart ieħor			Minn B1120: Metalli transizzjonali biss li fihom > 10 % V_2O_5 minbarra l-katalizzaturi tal-iskart (katalizzaturi eżawriti, katalizzaturi likwidi użati jew katalizzaturi oħra) li huma fil-lista A
B1130-B1200			

(a)	(b)	(c)	(d)
			B1210
B1220			
			B1230
B1240			
			B1250
Minn B2010: kull skart ieħor			Minn B2010: Skart tal-majka
B2020			
Minn B2030: kull skart ieħor			Minn B2030: Ruttam tat-tungstenu karbur biss
B2040			
B2060-B2130			
Minn B3010: Skart ittrattat tar-raża jew prodotti ta' kondensazzjoni li jinkludu dawn li ġejjin: — raża ta' urea formaldehyde — raża ta' melamine formaldehyde — raża ta' expoxy — raża ta' alkyd			Minn B3010 – il-bqija tal-iskart kollu basta jkun termaplastiku
			B3020
Minn B3030 - l-iskart l-ieħor kollu			Minn B3030: — Skart tas-suf jew ta' xagħar fin jew aħrax tal-annimali, inkluż skart tal-ħjut iżda eskluż materjal "garnetted" — Skart tal-qoton (inkluż l-iskart tal-ħjut u materjal "garnetted") — Skart (li jinkludi suf qasir, skart ta' ħjut u stokk "garnetted") ta' fibri sintetiċi
B3035			
Minn B3040 - l-iskart l-ieħor kollu			Minn B3040: Lastku mhux vulkanizzat biss
			B3050
B3060-B3070			
Minn B3080 - l-iskart l-ieħor kollu			Minn B3080: Lastku mhux vulkanizzat biss
B3090-B4030			
Minn GB040 - l-iskart l-ieħor kollu			Minn GB040: Kagazza konvertatriċi biss minn arġentina tar-ram li fiha > 10 % ram
			GC010

(a)	(b)	(c)	(d)
Minn GC020 - l-iskart l-ieħor kollu			Minn GC020: Skart biss ta' kejbil u wajer, ruttam tal-muturi tal-elettriku
			GC030
GC050-GG040			
			GH013
GN010-GN030"			

(3) L-annotazzjoni għall-Kroazja tinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Kroazja**

(a)	(b)	(c)	(d)
			l-iskart kollu mniżżel fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006"

(4) L-annotazzjoni għall-Indja tinbidel b'dan li ġej:

"**L-Indja**

(a)	(b)	(c)	(d)
			l-iskart kollu mniżżel fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006"

(5) Wara l-annotazzjoni għal-Libanu, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

"**Il-Liberja**

(a)	(b)	(c)	(d)
			B3020"

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 838/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-paragrafi 18 (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni ([2]) li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku u ta' approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni. Madankollu, dak ir-Regolament ser jiskadi fit-2 ta' Marzu 2011.

(2) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni, għandhom jiġu adottati l-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tat-13 ta' Lulju 2009, li jirriflettu l-qafas istituzzjonali stabbilit permezz ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni bejn ir-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem, l-Aġenzija), stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni.

(3) Linji gwida vinkolanti li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni għandhom jistabbilixxu bażi stabbli għall-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u l-kumpens ġust lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

(4) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi jew minn territorji li ffirmaw ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni fuq bażi ekwivalenti għal dik ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn Stati Membri.

(5) Huwa xieraq li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'pajjiżi terzi li ma ffirmawx ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku jitħallew jipparteċipaw fi ftehimiet multilaterali mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn Stati Membri, li permezz tagħhom il-partijiet kollha jiġu kkumpensati, fuq bażi ġusta u ekwa, għall-ispejjeż imġarrba għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

(6) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu kkumpensati għat-telf ta' enerġija dovut għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku. Dan il-kumpens għandu jkun ibbażat fuq stima tat-telf li jsofru kieku ma jkunx hemm tranżiti tal-elettriku.

(7) Għandu jiġi stabbilit fond għall-allokazzjoni ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku. Il-valur ta' dan il-fond għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni, li ssir fuq livell tal-Unjoni Ewropea, tal-ispejjeż inkrementali medji fuq medda twila ta' żmien tal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

(8) Il-valutazzjoni, fuq livell tal-Unjoni Ewropea, tal-infrastruttura għal flussi transkonfinali tal-elettriku assoċjata mal-iffaċilitar tat-tranżiti transkonfinali għandha ssir mill-Aġenzija, bħala l-entità responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-awtoritajiet regolatorji li jkollhom iwettqu funzjoni similari fuq livell nazzjonali.

(9) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'pajjiżi terzi għandhom jiffaċċjaw l-istess spejjeż biex jużaw is-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni bħal ma jiffaċċjaw l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fi Stati Membri.

(10) Il-varjazzjonijiet fil-ħlasijiet li jiffaċċjaw il-produtturi tal-elettriku biex ikollhom aċċess għas-sistema ta' trażmissjoni ma għandhomx jipperikolaw is-suq intern. Minħabba f'hekk, il-ħlasijiet medji għall-aċċess għan-netwerk fi Stati Membri għandhom jinżammu f'medda li tgħin biex jiġi żgurat li jinkisbu l-benefiċċji li jirriżultaw mill-armonizzazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 233, 3.9.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jirċievu kumpens għall-ispejjeż li jġarrbu minħabba li jospitaw flussi transkonfinali tal-elettriku fuq in-netwerks tagħhom abbażi tal-linji gwida stipulati fil-Parti A tal-Anness.

Artikolu 2

Il-ħlasijiet li japplikaw l-operaturi tan-netwerks għall-aċċess għas-sistema ta' trażmissjoni għandhom ikunu skont il-linji gwida stipulati fil-Parti B tal-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mit-3 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

(1) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55.

ANNESS

PARTI A

Linji Gwida dwar il-Mekkaniżmu ta' Kumpens Lil Operaturi tas-Sistemi ta' Inter-Trażmissjoni

1. Dispożizzjonijiet Ġenerali

1.1. Il-mekkaniżmu ta' Kumpens lil Operaturi tas-Sistemi ta' Inter-Trażmissjoni (ITC) se jipprovdi għall-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku inkluż il-forniment ta' aċċess transkonfinali għas-sistema interkonnessa.

1.2. In-Netwerk Ewropew ta' Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni għall-Enerġija Elettrika (ENTSO for Electricity) stabbilit skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 se jistabbilixxi fond tal-ITC biex jikkumpensa l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

Il-fond tal-ITC se jipprovdi kumpens għal:

(1) it-telf imġarrab mis-sistemi ta' trażmissjoni tas-sistemi nazzjonali minħabba li dawn jospitaw flussi transkonfinali tal-elettriku;

u

(2) l-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

1.3. Il-kontribuzzjonijiet għall-Fond tal-ITC għandhom jiġu kkakulati skont il-punti 6 u 7.

Il-pagamenti mill-Fond tal-ITC għandhom jiġu kkalkulati skont il-punti 4 u 5.

L-ENTSO for Electricity se jkun responsabbli biex jistabbilixxi ftehimiet għall-ġbir u t-tqassim tal-pagamenti kollha relatati mal-Fond tal-ITC, u se jkun responsabbli wkoll biex jiddeċiedi meta jsiru l-pagamenti. Il-kontribuzzjonijiet u l-pagamenti kollha għandhom isiru malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn sitt xhur minn tmiem il-perjodu li huma applikabbli għalih.

1.4. L-Aġenzija għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-mekkanizmu ITC u għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ITC u l-ġestjoni tal-fond tal-ITC.

F'dan ix-xogħol, l-ENTSO for Electricity għandu jikkoopera mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija u jipprovdi lill-Aġenzija bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

Kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jipprovdi lill-ENTSO for Electricity u lill-Aġenzija bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ITC.

1.5. Sakemm jiġi stabbilit l-ENTSO for Electricity, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw bejniethom biex iwettqu x-xogħol li jingħata lill-ENTSO for Electricity fir-rigward tal-mekkaniżmu ITC.

1.6. It-tranżitu tal-elettriku għandu jiġi kkalkulat, normalment fuq bażi ta' kull siegħa, billi jittieħed il-valur l-aktar baxx mill-valuri tal-ammont assolut tal-elettriku importat u tal-ammont assolut tal-elettriku esportat fl-interkonnessjonijiet bejn sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali.

Biex jiġu kkalkulati t-tranżiti tal-elettriku, l-ammont tal-elettriku importat u l-ammont tal-elettriku esportat f'kull interkonnessjoni bejn sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonali mas-sehem tal-kapaċità allokata li ma jkunx kompatibbli mal-Punt 2 tal-linji gwida għall-ġestjoni tal-konġestjoni stipulati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 714/2009.

Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' dan il-punt, l-elettriku importat u dak esportat fl-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi terzi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt 7.1 għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tranżitu tal-elettriku.

1.7. Għall-finijiet ta' din il-parti tal-Anness, il-fluss nett ta' elettriku għandu jfisser il-valur assolut tad-differenza bejn it-total tal-elettriku esportat minn sistema ta' trażmissjoni nazzjonali speċifika lejn pajjiżi fejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC u t-total ta' elettriku importat minn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC lejn l-istess sistema ta' trażmissjoni.

Għall-partijiet tal-mekkaniżmu ITC li jkollhom konfini komuni ma' mill-anqas terz tal-pajjiż li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Punt 7.1, għandhom isiru dawn l-aġġustamenti fil-kalkolu tal-fluss nett:

(1) jekk it-total ta' elettriku esportat lejn pajjiżi fejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC ikun ogħla mit-total ta' elettriku importat minn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC, il-flussi netti għandhom jitnaqqsu bil-valur l-aktar baxx bejn:

(a) il-flussi netti importati minn dawk il-pajjiżi terzi; jew

(b) il-flussi netti esportati lejn pajjiżi fejn l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jipparteċipa fil-Mekkaniżmu ITC;

(2) jekk it-total ta' elettriku importat minn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC ikun ogħla mit-total ta' elettriku esportat lejn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC, il-flussi netti għandhom jitnaqqsu bil-valur l-aktar baxx bejn:

(a) il-valur nett tal-flussi esportati lejn dawk il-pajjiżi terzi; jew

(b) il-valur nett tal-flussi importati minn pajjiżi fejn l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jipparteċipa fil-mekkaniżmu ITC.

1.8. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, it-tagħbija għandha tfisser l-ammont totali ta' elettriku li s-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali tagħti lis-sistemi ta' distribuzzjoni konnessi magħha, lill-konsumaturi aħħarin konnessi mas-sistema ta' trażmissjoni u lill-produtturi tal-elettriku għall-konsum fil-ġenerazzjoni tal-elettriku.

2. Parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ITC

2.1. Kull awtorità regolatorja għandha tiżgura li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fl-ambitu ta' kompetenza tagħha jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ITC u li ebda ħlas addizzjonali għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku ma jiġi inkluż fil-ħlasijiet applikati mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-aċċess għan-netwerks.

2.2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi li ffirmaw ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ITC.

B'mod partikolari, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni li jaħdmu fit-territorji msemmija fl-Artikolu 9 tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija ([1]) għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ITC.

Kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż terz parteċipanti fil-mekkaniżmu ITC għandu jiġi ttrattat fuq l-istess bażi bħal operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn Stat Membru.

3. Ftehimiet multilaterali

3.1. L-ENTSO for Electricity għandu jiffaċilita l-iffirmar ta' ftehimiet multilaterali li huma relatati mal-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku bejn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni parteċipanti fil-mekkaniżmu ITC u operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi li ma ffirmawx ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku, u li, fis-16 ta' Diċembru 2009, iffirmaw il-ftehim dwar mekkaniżmi volontarji bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni dwar il-kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni.

3.2. Dawn il-ftehimiet multilaterali għandhom ikunu maħsuba biex jiżguraw li l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni mill-pajjiż terz jiġi ttrattat fuq l-istess bażi bħal operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż parteċipant fil-Mekkaniżmu ITC.

([1]) ĠU L 198, 20.7.2006, p. 18.

3.3. Fejn ikun meħtieġ, dawn il-ftehimiet multilaterali jistgħu jirrakkomandaw aġġustament xieraq tal-kumpens totali għall-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku kkalkulat skont il-punt 5. Kwalunkwe aġġustament tali għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni, li għandha tqis l-opinjoni tal-Aġenzija.

3.4. It-trattament ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż terz ma għandux ikun aħjar minn dak li jingħata lil operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni parteċipanti fil-Mekkaniżmu ITC.

3.5. L-ENTSO for Electricity għandu jippreżenta kwalunkwe ftehim multilaterali lill-Kummissjoni, biex din tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk il-kontinwazzjoni tal-ftehim multilaterali tkunx tippromwovi l-kompletar u l-funzjonament tas-suq intern fl-elettriku u l-kummerċ transkonfinali. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tindirizza b'mod partikolari:

(1) jekk il-ftehim jikkonċernax biss il-kumpens bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) għall-ispejjeż imġarrba għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku;

(2) jekk humiex imħarsa r-rekwiżiti tal-punti 3.2 u 3.4.

3.6. Meta tħejji l-opinjoni msemmija fil-punt 3.5, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istati Membri kollha, u tqis b'mod partikolari l-opinjoni ta' dawk l-Istati Membri li jkollhom konfini mal-pajjiż terz rilevanti.

Meta tħejji l-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Aġenzija.

4. Kumpens għat-Telf

4.1. Il-kumpens għat-telf imġarrab fuq is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali minħabba li dawn jospitaw flussi transkonfinali tal-elettriku għandu jiġi kkalkulat separatament mill-kumpens għall-ispejjeż imġarrba relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' tranżiti transkonfinali tal-elettriku.

4.2. L-ammont ta' telf imġarrab fuq sistema ta' trażmissjoni nazzjonali għandu jiġi stmat billi tiġi kkalkulata d-differenza bejn:

(1) l-ammont ta' telf imġarrab realment mis-sistema ta' trażmissjoni tul il-perjodu rilevanti;

u

(2) l-ammont stmat ta' telf mis-sistema ta' trażmissjoni li jiġġarrab mis-sistema waqt il-perjodu rilevanti kieku ma jkunx hemm tranżiti tal-elettriku.

4.3. L-ENTSO for Electricity se jkun responsabbli biex iwettaq il-kalkolu msemmi fil-punt 4.2 u għandu jippubblika dan il-kalkolu u l-metodu ta' kif jinħadem f'format xieraq. Dan il-kalkolu jista' jsir mill-istimi għal għadd ta' mumenti diversi waqt il-perjodu rilevanti.

4.4. Il-valur tat-telf imġarrab minn sistema ta' trażmissjoni nazzjonali minħabba l-flussi transkonfinali tal-elettriku għandu jiġi kkalkulat fuq l-istess bażi bħal dik approvata mill-awtorità regolatorja fir-rigward tat-telf kollu mġarrab fuq is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali. L-Aġenzija għandha tivverifika l-kriterji użati għall-valutazzjoni tat-telf fuq il-livell nazzjonali, fejn tqis b'mod partikolari li din il-valutazzjoni tat-telf issir b'mod ġust u mingħajr diskriminazzjoni.

Meta l-awtorità regolatorja rilevanti ma tkunx approvat bażi għall-kalkolu tat-telf għal perjodu ta' żmien applikabbli għall-mekkaniżmu ITC, il-valur tat-telf għall-finijiet tal-mekkaniżmu ITC għandu jiġi stmat mill-ENTSO for Electricity.

5. Il-kumpens għall-forniment ta' infrastruttura għall-flussi transkonfinali tal-elettriku.

5.1. Wara proposta li l-Aġenzija tressaq skont il-punt 5.3, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi kemm ikun il-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali li għandu jitqassam bejn l-operaturi responsabbli għas-sistemi ta' trażmissjoni bħala kumpens għall-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku. Jekk ma tkunx taqbel mal-proposta tal-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija għal opinjoni oħra.

5.2. It-total tal-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għandu jitqassam bejn l-operaturi responsabbli għas-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali b'mod proporzjonali ma':

(1) il-fattur ta' tranżitu, li jirreferi għat-tranżiti fuq l-istat tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali bħala proporzjon tat-tranżiti totali fuq is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali kollha;

(2) il-fattur ta' tagħbija, li jirreferi għall-valur tal-kwadru tat-tranżiti tal-elettriku, b'mod proporzjonali mat-total tat-tagħbija u t-tranżiti f'dik is-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali relattiv mal-valur tal-kwadru tat-tranżiti tal-elettriku b'mod proporzjonali mat-total tat-tagħbija u t-tranżiti fis-sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali kollha.

Il-fattur ta' tranżitu jirrappreżenta 75 % u l-fattur ta' tagħbija 25 %.

5.3. L-Aġenżija għandha tressaq proposta dwar il-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali msemmi fil-punt 5.1 abbażi ta' valutazzjoni li ssir fuq livell tal-Unjoni Ewropea tal-infrastruttura għal flussi transkonfinali tal-elettriku assoċjata mal-iffaċilitar tat-tranżiti transkonfinali tal-elettriku. L-Aġenzija għandha tagħmel ħilitha biex twettaq valutazzjoni fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-ENTSO for Electricity għandu jipprovdi lill-Aġenzija bl-għajnuna kollha meħtieġa biex titwettaq din il-valutazzjoni.

Din il-valutazzjoni għandha tkun magħmula minn valutazzjoni teknika u ekonomika tal-ispejjeż inkrementali medji fil-ġejjieni għal terminu ta' żmien twil fuq bażi annwali għall-forniment ta' infrastruttura għal flussi transkonfinali tal-elettriku għal tul il-perjodu rilevanti, u għandha tkun ibbażata fuq metodoloġiji ta' standard-costing rikonoxxuti.

Meta l-infrastruttura tkun iffinanzjata minn sorsi differenti minn ħlasijiet għall-aċċess għan-netwerks applikabbli skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 714/2009, il-valutazzjoni tal-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-flussi transkonfinali tal-elettriku għandha tiġi aġġustata kif xieraq biex dan jitqies.

Il-valutazzjoni tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku, li ssir fuq livell tal-Unjoni Ewropea, għandha tinkludi l-infrastruttura fl-Istati Membri kollha u fil-pajjiżi terzi parteċipanti fil-mekkaniżmu ITC u fis-sistemi mħaddma mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni li ffirmaw ftehimiet multilaterali msemmija fil-punt 3.

5.4. Sakemm l-Aġenzija tkun wettqet il-valutazzjoni msemmija fil-punt 5.3 u l-Kummissjoni tkun iddeċidiet kemm għandu jkun it-total tal-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali skont il-punt 5.1, it-total tal-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għandu jkun EUR 100 000 000.

5.5. Meta tressaq il-proposta msemmija fil-punt 5.1 lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tagħtiha wkoll l-opinjoni tagħha dwar kemm ikun xieraq li l-ispejjeż inkrementali medji fuq medda twila ta' żmien jintużaw għall-valutazzjoni tal-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

6. Kontribuzzjonijiet għall-Fond tal-ITC

6.1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkontribwixxu għall-fond tal-ITC b'mod proporzjonali mal-valur assolut ta' flussi netti lejn u mis-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali tagħhom bħala parti mis-somma tal-valur assolut ta' flussi netti lejn u mis-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali kollha.

7. Ħlas għad-dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-elettriku ta' pajjiżi terzi.

7.1. Għandu jitħallas dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni skedati tal-elettriku mill-pajjiżi terzi kollha meta:

(1) dak il-pajjiż ma jkunx iffirma ftehim mal-Unjoni li permezz tiegħu jkun adotta u qed japplika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku;

jew

(2) l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni responsabbli mis-sistema li minnha jkun qed jiġi importat l-elettriku jew li lejha jkun qed jiġi esportat l-elettriku ma jkunx iffirma ftehim multilaterali kif imsemmi fil-punt 3.

Dan il-ħlas għad-dritt għandu jiġi indikat f'euro kull siegħa ta' megawatt (megawatt hour).

7.2. Kull parteċipant fil-Mekkaniżmu ITC għandu jiġbor il-ħlas għad-dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni skedati tal-elettriku bejn is-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali u s-sistema ta' trażmissjoni tal-pajjiż terz.

7.3. Kull sena, l-ENTSO for Electricity għandu jikkalkula minn qabel il-ħlas għad-dritt għall-użu tas-sistema ta' trażmissjoni. Dan il-ħlas għandu jiġi ffissat abbażi tal-kontribut stmat għal kull siegħa ta' megawatt li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż parteċipanti jkollhom jgħaddu lill-Fond tal-ITC abbażi tal-flussi transkonfinali tal-elettriku għas-sena rilevanti.

PARTI B

Linji Gwida għal Approċċ Regolatorju Komuni għall-Ħlasijiet tat-Trażmissjoni

1. It-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi f'kull Stat Membru għandhom ikunu fil-meded stipulati fil-punt 3.

2. Il-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi huma l-ħlasijiet totali annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi diviżi bl-enerġija mkejla totali li l-produtturi jdaħħlu annwalment fis-sistema ta' trażmissjoni ta' Stat Membru.

   Għall-kalkolu stipulat fil-Punt 3, il-ħlasijiet ta' trażmissjoni għandhom jeskludu:

   (1) il-ħlasijiet li jsiru mill-produtturi għal assi fiżiċi meħtieġa għall-konnessjoni mas-sistema jew għat-titjib tal-konnessjoni;

   (2) il-ħlasijiet li jsiru mill-produtturi li jkollhom x'jaqsmu ma' servizzi anċillari;

   (3) il-ħlasijiet li jsiru mill-produtturi għal telf speċifiku tas-sistema.

3. Il-valur tal-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi għandu jkun fil-medda ta' 0 sa 0,5 EUR/MWh, għajr dawk applikabbli fid-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja, ir-Rumanija, l-Irlanda, il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

   Il-valur tal-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi fid-Danimarka, l-Isvezja u l-Finlandja għandu jkun fil-medda ta' 0 sa 1,2 EUR/MWh.

   Il-valur tal-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi fl-Irlanda, il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jkun fil-medda ta' 0 sa 2,5 EUR/MWh, u fir-Rumanija din il-medda għandha tkun ta' 0 sa 2,0 EUR/MWh.

4. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-adegwatezza tal-meded tal-ħlasijiet ta' trażmissjoni permissibbli, fejn tqis b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq il-finanzjament tal-kapaċità tat-trażmissjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-miri tagħhom fl-ambitu tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u l-impatt tagħhom fuq l-utenti tas-sistema b'mod ġenerali.

5. Sal-1 ta' Jannar 2014, l-Aġenzija għandha tagħti lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar il-medda jew meded xierqa ta' ħlasijiet għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2015.

---

[1] ĠU L 140, 5.6.2009 p. 16.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 839/2010

tat-23 ta’ Settembru 2010

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta’ Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta’ Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
f’isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	72,7
	MK	76,7
	TR	64,0
	XS	58,9
	ZZ	68,1
0707 00 05	TR	124,4
	ZZ	124,4
0709 90 70	TR	120,2
	ZZ	120,2
0805 50 10	AR	138,0
	CL	107,8
	IL	127,1
	TR	118,8
	UY	134,8
	ZA	115,7
	ZZ	123,7
0806 10 10	EG	75,0
	TR	121,1
	US	185,0
	ZZ	127,0
0808 10 80	AR	78,0
	BR	74,7
	CL	125,9
	NZ	112,4
	US	128,5
	ZA	97,2
	ZZ	102,8
0808 20 50	CN	84,3
	ZA	98,9
	ZZ	91,6
0809 30	TR	149,8
	ZZ	149,8
0809 40 05	BA	53,5
	IL	178,5
	MK	45,0
	ZZ	92,3

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 840/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-laħam taċ-ċanga

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 164(2) u l-Artikolu 170 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji tal-prodotti msemmija fit-Taqsima XV tal-Anness I tar-Regolament imsemmi u bejn il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fis-suq tal-Unjoni, jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni għall-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq tal-laħam taċ-ċanga, jeħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti rifużjonijiet għall-esportazzjoni skont ir-regoli u l-kriterji stipulati fl-Artikoli 162, 163, 164, 167, 168 u 169 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont l-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-ammont tar-rifużjoni jista' jvarja skont id-destinazzjoni, speċjalment fejn dan ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq dinji, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat tal-KE.

(4) Ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw biss għall-prodotti awtorizzati għall-moviment ħieles fl-Unjoni, u li jkollhom it-timbru sanitarju msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi tal-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]). Dawn il-prodotti jeħtiġilhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ([3]), kif ukoll tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistipula regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([4]).

(5) It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1359/2007 tal-21 ta' Novembru 2007 li jistabilixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali fuq l-esportazzjoni għal ċertu qatgħat tal-laħam dissussat tal-annimali bovini ([5]) jipprovdi għal tnaqqis fir-refużjoni speċjali jekk il-kwantità tal-laħam dissussat għall-esportazzjoni ikun inqas minn 95 % tal-kwantità totali f'piż tal-qatgħat ġejjin mid-dissussar, iżda mhux inqas minn 85 % tal-istess kwantità.

(6) Ir-rifużjonijiet applikabbli bħalissa kienu stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 649/2010 ([6]). Peress li għandhom jiġu stabbiliti rifużjonijiet ġodda, ir-Regolament għandu għaldaqstant ikun imħassar.

(7) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni kif provduti fl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jingħataw għall-prodotti u l-ammonti speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjonijiet magħmula fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-prodotti eliġibbli għal rifużjoni skont il-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u b'mod partikolari, għandhom jiġu ppreparati fi stabbilimenti awtorizzati u jissodifaw ir-rekwiżiti tal-marka tas-sanità stipulati fl-Anness I, Sezzjoni I, Kapitolu III, tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

Artikolu 2

Fil-każ imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1359/2007, ir-rata ta' rifużjoni fuq prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi ta' prodotti 0201 30 00 9100 titnaqqas b'3,5 EUR/100 kg.

Artikolu 3

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2010 huwa b'dan imħassar.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([5]) ĠU L 304, 22.11.2007, p. 21.
([6]) ĠU L 191, 23.7.2010, p. 3.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta’ Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta’ Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

Rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga, applikabbli mill-24 ta' Settembru 2010

Il-kodiċi tal-prodotti	Id-destinazzjoni	L-unità tal-kejl	L-ammont tar-rifużjonijiet
0102 10 10 9140	B00	EUR/100 kg ta' piż ħaj	12,9
0102 10 30 9140	B00	EUR/100 kg ta' piż ħaj	12,9
0201 10 00 9110 (1)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	18,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	10,8
0201 10 00 9130 (1)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	24,4
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	14,4
0201 20 20 9110 (1)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	24,4
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	14,4
0201 20 30 9110 (1)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	18,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	10,8
0201 20 50 9110 (1)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	30,5
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	17,9
0201 20 50 9130 (1)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	18,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	10,8
0201 30 00 9050	US (3)	EUR/100 kg ta' piż nett	3,3
	CA (4)	EUR/100 kg ta' piż nett	3,3
0201 30 00 9060 (6)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	11,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	3,8
0201 30 00 9100 (2) (6)	B04	EUR/100 kg ta' piż nett	42,4
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	24,9
	EG	EUR/100 kg ta' piż nett	51,7
0201 30 00 9120 (2) (6)	B04	EUR/100 kg ta' piż nett	25,4
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	15,0
	EG	EUR/100 kg ta' piż nett	31,0
0202 10 00 9100	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	8,1
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	2,7
0202 20 30 9000	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	8,1
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	2,7
0202 20 50 9900	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	8,1
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	2,7
0202 20 90 9100	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	8,1
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	2,7
0202 30 90 9100	US (3)	EUR/100 kg ta' piż nett	3,3
	CA (4)	EUR/100 kg ta' piż nett	3,3

Il-kodiċi tal-prodotti	Id-destinazzjoni	L-unità tal-kejl	L-ammont tar-rifużjonijiet
0202 30 90 9200 (6)	B02	EUR/100 kg ta' piż nett	11,3
	B03	EUR/100 kg ta' piż nett	3,8
1602 50 31 9125 (5)	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	11,6
1602 50 31 9325 (5)	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	10,3
1602 50 95 9125 (5)	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	11,6
1602 50 95 9325 (5)	B00	EUR/100 kg ta' piż nett	10,3

NB: Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje "A" huma definiti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1).

Il-kodicijiet alfanumeriċi tad-destinazzjonijiet huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19).

Id-destinazzjonijiet l-oħra huma definiti kif ġej:

B00: Id-destinazzjonijiet kollha (pajjiżi terzi, territorji oħrajn, provvisti u destinazzjonijiet meqjusa bħala post ta' esportazzjoni barra mill-Unjoni).

B02: B04 u destinazzjoni EG.

B03: L-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Kosovo (*), il-Montenegro, l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, ħażniet u provvisti (id-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 33 u 42, u, fejn japplika, fl-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1)).

B04: It-Turkija, l-Ukraina, il-Belarus, il-Moldova, ir-Russja, il-Ġeorġja, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Każakstan, it-Turkmenistan, l-Użbekistan, it-Taġikistan, il-Kirgistan, il-Marokk, l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Libja, il-Libanu, is-Sirja, l-Iraq, l-Iran, l-Iżrael, ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, il-Ġordan, l-Gharabja Sawdita, il-Kuwajt, il-Baħrejn, il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Oman, il-Jemen, il-Pakistan, Sri Lanka, il-Mjanmar (Burma), it-Tajlandja, il-Vjetnam, l-Indoneżja, il-Filippini, iċ-Ċina, il-Korea ta' Fuq, Ħong Kong, is-Sudan, il-Mawritanja, il-Mali, il-Burkina Faso, in-Niġer, iċ-Ċad, il-Kap Verde, is-Senegal, il-Gambja, il-Ginea-Bissaw, il-Ginea, is-Sjerra Leone, il-Liberja, il-Côte d'Ivoire, il-Gana, it-Togo, il-Benin, in-Niġerja, il-Kamerun, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, il-Ginea Ekwatorjali, Sao Tomè u Prinċipe, il-Gabon, il-Kongo, il-Kongo (ir-Repubblika Demokratika), ir-Rwanda, il-Burundi, Santa Liena u d-dipendenzi tagħha, l-Angola, l-Etjopja, l-Eritrea, Ġibuti, is-Somalja, l-Uganda, it-Tanzanja, is-Seychelles u d-dipendenzi tagħhom, It-Territorju Britanniku ta' l-Oċean Indjan, il-Możambik, il-Mawrizju, il-Komoros, Mayotte, iż-Żambja, il-Malawi, l-Afrika t'Isfel, il-Lesoto.

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

(1) L-inklużjoni f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikat ta' prova li jidher fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 433/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 3).

(2) L-għoti tar-rifużjoni huwa soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1359/2007 (ĠU L 304, 22.11.2007, p. 21) u, jekk japplika, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 (ĠU L 329, 25.11.2006, p 7).

(3) Magħmulin skond il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1643/2006 (ĠU L 308, 8.11.2006, p. 7).

(4) Magħmulin skond il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1041/2008 (ĠU L 281, 24.10.2008, p. 3).

(5) L-għoti tar-rifużjoni huwa soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1731/2006 (ĠU L 325, 24.11.2006, p. 12).

(6) Il-kontenut f'dgħif tal-laħam taċ-ċanga għajr ix-xaħam huwa ddeterminat skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2429/86 (ĠU L 210, 1.8.1986, p. 39).

It-terminu "kontenut medju" jirreferi għall-kwantità tal-kampjun kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 765/2002 (ĠU L 117, 4.5.2002, p. 6). Il-kampjun jittieħed mill-parti tal-lott ikkonċernat li tippreżenta l-akbar riskju.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 841/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

li jistabbilixxi r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 164(2) u l-Artikolu 170 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji tal-prodotti msemmija fil-parti XX tal-Anness I għar-Regolament imsemmi u l-prezzijiet fl-Unjoni tista' tkun koperta minn rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali fis-suq tal-laħam tat-tjur, jeħtieġ li jiġu ffissati rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni f'konformità mar-regoli u l-kriterji pprovduti fl-Artikoli 162; 163, 164, 167 u 169 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) L-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jvarjaw skont id-destinazzjoni, speċjalment fejn dan ikun meħtieġ minħabba fis-sitwazzjoni tas-suq dinji, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat.

(4) Ir-rifużjonijiet ma għandhomx jingħataw ħlief għall-prodotti awtorizzati għall-moviment ħieles fl-Unjoni, u li jkollhom fuqhom il-marka tal-identifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [2]. Dawn il-prodotti jeħtiġilhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel [3].

(5) Ir-rifużjonijiet applikabbli bħalissa kienu stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 525/2010 [4]. Minħabba li għandhom jiġu stabbiliti rifużjonijiet ġodda, dak ir-Regolament għandu għaldaqstant jitħassar.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prodotti li jibbenefikaw mir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjoni magħmula fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-prodotti eliġibbli għal rifużjoni skont il-paragrafu 1 jeħtiġilhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u partikolarment, jeħtiġilhom ikunu ppreparati fi stabbiliment approvat u jissodifaw il-kundizzjonijiet ta' mmarkar tal-identifikazzjoni stabbiliti fl-Anness II, is-Sezzjoni I, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2010 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU L 152, 18.6.2010, p. 5.

ANNESS

Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur applikabbli mill-24 ta' Settembru 2010

Il-kodiċi tal-prodotti	Id-destinazzjoni	L-unità ta' kejl	L-ammont tar-rifużjonijiet
0105 11 11 9000	A02	EUR/100 pcs	0,24
0105 11 19 9000	A02	EUR/100 pcs	0,24
0105 11 91 9000	A02	EUR/100 pcs	0,24
0105 11 99 9000	A02	EUR/100 pcs	0,24
0105 12 00 9000	A02	EUR/100 pcs	0,47
0105 19 20 9000	A02	EUR/100 pcs	0,47
0207 12 10 9900	V03	EUR/100 kg	32,50
0207 12 90 9190	V03	EUR/100 kg	32,50
0207 12 90 9990	V03	EUR/100 kg	32,50

NB: Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje "A" huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), kif emendat.

Id-destinazzjonijiet l-oħrajn huma definiti kif ġej:
V03: A24, l-Angola, l-Gharabja Sawdita, il-Kuwajt, il-Bahrejn, il-Qatar, Oman, l-Emirati Gharab Maghquda, il-Ġordan, il-Jemen, il-Libanu, l-Iraq, l-Iran.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 842/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin [2], u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 [3] stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista' jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.
[3] ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

ANNESS

għar-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2010 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

"ANNESS I

Kodiċi NM	Deżinjazzjoni tal-merkanzija	Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg)	Oriġini [1]
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati	137,4	0	BR
		146,0	0	AR
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati	127,2	0	BR
		143,2	0	AR
0207 14 10	Qatgħat dissussati ta' sreidak jew ta' tiġieġ, iffriżati	212,6	26	BR
		269,1	9	AR
		334,7	0	CL
0207 14 50	Sdieri tat-tiġieġ, iffriżati	188,4	7	BR
0207 14 60	Koxox tat-tiġieġ, iffriżati	137,9	2	BR
0207 27 10	Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati	283,3	4	BR
		314,5	0	CL
0408 11 80	Isfra tal-bajd	318,9	0	AR
0408 91 80	Bajd imnixxef bla qoxra	347,8	0	AR
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ	285,8	0	BR
3502 11 90	Albumini mnixxfa tal-bajd	544,8	0	AR

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta 'oriġini oħra'."

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 843/2010

tat-23 ta' Settembru 2010

li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għas-seba' stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 447/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 43(j), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2010 ([2]) fetaħ il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku ([3]).

(2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għal stediniet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz minimu tal-bejgħ jew għandha tiddeċidi li ma tiffissax prezz minimu tal-bejgħ, skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009.

(3) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għas-seba' stedina individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ.

(4) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-seba' stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (UE) Nru 447/2010, li għaliha l-limitu taż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fil-21 ta' Settembru 2010, il-prezz minimu tal-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għandu jkun EUR 214,00/100 kg.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 126, 22.5.2010, p. 19.
([3]) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ġunju 2010

dwar l-għajnuniet fiskali mogħtija minn Franza lill-Fond ta' Prevenzjoni tar-Riskji tas-Sajd u lill-impriżi tas-sajd (Għajnuna mill-Istat C 24/08, (ex NN 38/07))

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3938)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/569/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 (2) (1) tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 62 (1) (a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom ([3]) skont l-Artikoli msemmija,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-għajnuniet mogħtija lill-Fond ta' Prevenzjoni tar-Riskji tas-sajd (*Fonds de prévention des aléas pêche* - iktar 'il quddiem l-"FPAP") u lill-impriżi tas-sajd, li wasslu għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/936/KE ([4]), il-Kummissjoni kienet infurmata dwar l-eżistenza ta' sistema fiskali speċifika favur l-FPAP u l-membri tiegħu.

(2) Din is-sistema fiskali ma kinitx ġiet eżaminata matul il-proċedura li wasslet għad-Deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 2008, minħabba li dan kien fatt ġdid li l-Kummissjoni ma kinitx taf bih meta bdiet il-proċedura formali ta' investigazzjoni. ([5])

(3) Billi, madankollu, hija kellha elementi ċari biżżejjed sabiex tikkonkludi li kien hemm għajnuniet illegali, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproċedi bl-investigazzjoni preliminari ta' dawn l-għajnuniet fiskali ([6]). Wara din l-analiżi, permezz ta' Deċiżjoni adottata wkoll fl-20 ta' Mejju 2008 ([7]), hija bdiet il-proċedura formali ta' investigazzjoni fir-rigward tal-għajnuniet imsemmija.

(4) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni. Ma waslet l-ebda osservazzjoni mingħand partijiet terzi interessati.

(5) Franza ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-bidu tal-proċedura formali ta' investigazzjoni permezz ta' ittra tat-8 ta' Settembru 2008.

(6) Barra minn hekk, permezz ta' ittra tad-29 ta' Novembru 2008 bħala parti mill-proċedura ta' rkupru tal-għajnuniet li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/936/KE, Franza kkomunikat l-informazzjoni li l-FPAP ġie xolt fis-27 ta' Frar 2008 u li l-bilanċ tal-ħlasijiet bil-quddiem li rċieva mingħand l-Istat ġie mħallas lura.

2. DESKRIZZJONI TAL-GĦAJNUNIET

(7) Għal deskrizzjoni ddettaljata tal-operat u l-azzjonijiet tal-FPAP, il-Kummissjoni tirreferi għad-Deċiżjoni 2008/936/KE.

(8) Is-sistema fiskali speċifika li kienet teżisti favur l-FPAP u l-membri tiegħu hija deskritta f'żewġ ittri, mibgħuta mill-Ministeru Franċiż responsabbli mill-baġit, li kienu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni tal-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni li wasslet għad-Deċiżjoni 2008/936/KE. ([8])

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi għal dawk ta' qabel. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE jekk ikun il-każ.
([2]) ĠU L 1 3.1.1994, p. 3.
([3]) ĠU C 161 25.8.2008, p. 19.
([4]) ĠU L 334 12.12.2008, p. 62.
([5]) ĠU C 91 19.4.2006, p. 30.
([6]) NN 38/07.
([7]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.
([8]) Fil-fatt, id-ditta ta' avukati Ménard, Quimbert et associés, li huma stabbiliti f'Nantes, u li huma l-Konsulenti tal-FPAP, kienu hemżu ma' waħda mill-ittri mibgħuta lill-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni tal-bidu tal-proċedura formali ta' investigazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-kopja taż-żewġ ittri tal-ministeru responsabbli mill-baġit, li turi l-eżistenza ta' sistema fiskali speċifika favur l-FPAP u l-membri tiegħu. Waħda minnhom hija ittra mill-Ministru inkarigat mill-baġit u mir-riforma fiskali ffirmata minn Alain Lambert u l-oħra hija ittra tas-Segretarju tal-Istat inkarigat mill-baġit u r-riforma fiskali ffirmata minn Dominique Bussereau. Iż-żewġ ittri huma indirizzati lis-Sur Merabet, President tal-FPAP.

(9) L-ewwel ittra, tal-5 ta' Frar 2004, taqa' taħt il-kuntest tal-ħolqien tal-FPAP li l-abbozz tal-istatut tiegħu kien ġie approvat mil-laqgħa ta' fondazzjoni li saret fl-10 ta' Frar 2004. Din l-ittra tindika li:

"— il-fond imwaqqaf bħala assoċjazzjoni professjonali m'għandux ikun soġġett għat-taxxa tal-kumpaniji fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mis-sajjieda li jaħdmu għal rashom u l-prodotti finanzjarji mill-investiment ta' flus,

— il-kontribuzzjonijiet imħallsa għandhom jitnaqqsu mid-dħul taxxabbli tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom fis-sena li jitħallsu. B'mod eċċezzjonali, l-ewwel kontribuzzjonijiet imħallsa sa mhux aktar tard mit-30 ta' Marzu 2004 għandhom jitnaqqsu mid-dħul tal-2003."

(10) Din tagħti indikazzjoni wkoll tal-ammonti li jistgħu jkunu soġġetti għat-tnaqqis imsemmi: il-kontribuzzjoni annwali tas-sajjieda membri li jaħdmu għal rashom, li għandha titnaqqas mid-dħul taxxabbli, hija bejn EUR 1 000 u EUR 15 000.

(11) It-tieni ittra, tat-28 ta' Novembru 2004, tiffoka fuq it-tnaqqis mid-dħul tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-membri. Dan iseħħ fil-kuntest ta' bidla fil-ftehim ta' garanzija li jorbot lill-FPAP mal-membri tiegħu, li issa jippermetti l-ħlas lura lill-membri tal-kontribuzzjonijiet imħallsa u mhux utilizzati.

(12) Din tindika li:

"— il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-membri skont dan il-ftehim ġdid ikunu jistgħu jitnaqqsu, fis-sena li jitħallsu, sa limitu ta' Euro 10 000 fis-sena għal kull membru, u dan il-limitu għandu jiżdied b'25 % tal-porzjon tal-qligħ bejn Euro 40 000 u EUR 80 000,

— il-kontribuzzjonijiet imħallsa li jaqbżu l-limiti preċedenti abbażi ta' proġett ta' garanzija stabbilit mill-Fond għandhom jitnaqqsu kollha mid-dħul taxxabbli tal-membri fis-sena li jitħallsu."

(13) Din l-ittra tispeċifika li għandha ssir "*analiżi ta' dan l-esperiment*" fl-aħħar tal-2006, u li għandhom "*jiġu investigati l-aġġustamenti li jkunu meħtieġa*". Għaldaqstant din mhijiex sistema fiskali stabbilita b'mod permanenti.

(14) Barra minn hekk, għalkemm din l-ittra tat-28 ta' Novembru 2004 tipprovdi li l-kontribuzzjonijiet jitnaqqsu mid-dħul taxxabbli fis-sena li jitħallsu, xejn ma jindika li għandu jkun ikkunsidrat it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fil-bidu tal-2004 (sal-aħħar ta' Marzu) fuq id-dħul tas-sena 2003, skont l-ittra tal-5 ta' Frar 2004.

(15) Minn dawn iż-żewġ ittri jirriżulta li s-sistema fiskali stabbilita mill-Ministru tal-Finanzi lill-FPAP u lill-membri tiegħu għandha żewġ aspetti:

— minn naħa, eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpaniji, favur l-FPAP,

— minn naħa oħra, il-possibbiltà li l-membri tal-FPAP inaqqsu l-kontribuzzjonijiet li jħallsu lill-Fond mid-dħul taxxabbli tagħhom.

3. RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA FORMALI TA' INVESTIGAZZJONI

(16) Il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sistema fiskali stabbilita mill-awtoritajiet Franċiżi favur l-FPAP u l-membri tiegħu kellha tkun analizzata, bħal fil-każ tal-fajl C-9/06, fir-rigward tas-sistema ta' għajnuniet mill-Istat mill-perspettiva tal-vantaġġi li din kienet tirrappreżenta, minn naħa għall-FPAP nnifsu u, minn naħa oħra, għall-impriżi tas-sajd li huma membri.

3.1. L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

3.1.1. *Għajnuna mill-Istat favur l-FPAP*

(17) Kif ġie spjegat fid-Deċiżjoni 2008/936/KE, l-FPAP għandu jitqies bħala impriża fis-sens tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea. Il-fatt li l-FPAP ma kellux skopijiet ta' qligħ jew li kien assoċjazzjoni huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

(18) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sistema fiskali stabbilita mill-awtoritajiet Franċiżi lill-FPAP kienet qed tagħtih vantaġġ doppju, meta mqabbel mal-investituri privati l-oħrajn li joperaw fuq is-swieq tal-futures tal-prodotti taż-żejt:

— l-ewwel nett, l-eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpaniji, deskritta fil-premessa (9), li minnha jibbenefika l-FPAP tirrappreżenta tnaqqis mill-piżijiet normali fuq il-baġit tal-impriżi attivi f'dan il-qasam,

— it-tieni nett, il-vantaġġ fiskali mogħti lill-membri tal-FPAP, ikun ta' liema tip ikun, jirrappreżenta inċentiv sabiex jikkontribwixxu għad-dħul tal-FPAP; għalhekk dan jippermetti lill-FPAP li jżid ir-riżorsi finanzjarji tiegħu filwaqt li l-impriżi oħrajn attivi f'dan il-qasam ma jibbenefikawx minn mekkaniżmu bħal dan.

(19) Fit-tmiem tal-investigazzjoni preliminari tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-vantaġġ imsemmi fil-premessa (17) ingħata mill-Istat u li dan kien jimplika r-rinunzja ta' riżorsi statali.

(20) Fl-aħħar nett, l-FPAP, permezz tal-miżuri fiskali msemmija fil-premessa (17), gawda vantaġġ finanzjarju meta mqabbel mal-kumpaniji l-oħrajn li joperaw fis-swieq tal-futures, kemm fi Franza kif ukoll fl-Istati Membri l-oħrajn.

(21) Fid-Deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura formali ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni indikat ukoll li hija kienet tassumi li l-bażi legali li ppermettiet li l-FPAP jibbenefika mill-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-benefiċċji, ġiet stabbilita skont l-Artikolu 206(1)(a), tal-Kodiċi Fiskali Ġenerali ([9]) li jippermetti li l-assoċjazzjonijiet professjonali jiġu eżonerati minn ċerti kundizzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa possibbli li l-FPAP kien qed jibbenefika wkoll mill-eżenzjoni tat-taxxa professjonali, kif prevista fl-Artikolu 1447 tal-istess Kodiċi favur organizzazzjonijiet li jibbenefikaw mill-eżenzjoni previst fl-Artikolu 206(1) (b) tal-istess Kodiċi.

3.1.2. *Għajnuna mill-Istat favur l-impriżi tas-sajd*

(22) Il-vantaġġ finanzjarju msemmi fil-premessa (17) ippermetta li l-impriżi tas-sajd li huma membri jixtru fjuwil bi prezz imnaqqas minħabba l-attività mwettqa mill-FPAP fis-swieq tal-futures tal-prodotti taż-żejt.

(23) Il-possibbiltà mogħtija lill-impriżi tas-sajd li jnaqqsu mid-dħul tagħhom il-kontribuzzjonijiet imħallsa lill-FPAP kellha l-effett li tnaqqas il-piżijiet normali fuq il-baġit tagħhom. Dan id-dritt ta' tnaqqis kien ġie deċiż mill-Ministeru responsabbli mill-baġit; u għaldaqstant, huwa attribwibbli lill-Istat.

(24) L-impriżi li setgħu jagħmlu t-tnaqqis imsemmi fil-premessa (22) ibbenefikaw minn vantaġġ finanzjarju meta mqabbla mal-impriżi tas-sajd l-oħrajn tal-Unjoni. Bl-istess mod, dan il-vantaġġ finanzjarju affettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u fixkel jew hedded li jfixkel il-kompetizzjoni. Għalhekk, dan jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(25) Min-naħa l-oħra, mill-informazzjoni li tinsab fil-"Metodu ta' ħidma ddettaljat tal-Fond ta' Prevenzjoni mir-Riskji tas-Sajd", dokument li wkoll ġie kkomunikat bħala parti mill-proċedura formali ta' investigazzjoni tal-għajnuna C-9/2006, il-Kummissjoni kienet innutat li, meta l-kontribuzzjonijiet lill-FPAP, stabbiliti fuq bażi ta' dikjarazzjoni skont il-konsum preżunt ta' fjuwil għas-sena sussegwenti kienu kkalkulati fuq bażi ogħla mill-konsum reali, it-tnaqqis fiskali mwettaq kien jibqa' akkwistat fl-intier tiegħu mis-sid. Din is-sistema kienet tidher li hija inċentiv għas-sidien sabiex jgħollu l-ħtieġa ta' kopertura tagħhom bl-għan ewlieni li jibbenefikaw minn dan it-tnaqqis fiskali.

(26) Fuq il-bażi tal-istess dokument, il-Kummissjoni kienet innutat ukoll li ċerti membri li l-attività tagħhom ma kellha l-ebda konnessjoni mas-sajd, iżda li "*kienu lesti jagħtu appoġġ morali lill-assoċjazzjoni*", kellhom ukoll il-possibbiltà li jgawdu mit-tnaqqis fiskali tal-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-FPAP, anki jekk dawn ma kinux affettwati minn xi riskju ta' garanzija.

([9]) Disponibbli fuq dan l-indirizz elettroniku: http://www.legifrance.gouv.fr/initRechCodeArticle.do

3.2. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

(27) Dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-analiżi żviluppata fid-Deċiżjoni 2008/936/KE. Il-Kummissjoni fil-fatt ikkunsidrat li dawn kienu għajnuniet operattivi mogħtija lill-FPAP u lill-impriżi tas-sajd u li l-ebda dispożizzjoni tat-TFUE jew ta' kwalunkwe strument adottat mill-Kummissjoni rigward l-għajnuniet mill-Istat ma kienet tippermetti li dawn l-għajnuniet jitqiesu kompatibbli mas-suq intern.

(28) Għaldaqstant, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji serji tagħha lill-Franza rigward il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri ta' għajnuna mas-suq intern.

4. **OSSERVAZZJONIJIET TA' FRANZA**

4.1. **Miżura fiskali favur l-impriżi tas-sajd**

(29) Franza tqis li l-miżuri fiskali favur l-impriżi tas-sajd mhumiex għajnuniet mill-Istat minħabba li l-kontribuzzjonijiet imħallsa lill-FPAP mill-impriżi tas-sajd huma parti mill-ispejjeż ġenerali ta' dawn l-impriżi għat-twettiq tal-attività tagħhom. Skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi Fiskali Ġenerali, dawn l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu mid-dħul taxxabbli. It-tnaqqis ta' dawn il-kontribuzzjonijiet jikkorrispondi għalhekk għall-implimentazzjoni ta' miżura ġenerali u, għalhekk, mhuwiex għajnuna mill-Istat.

(30) Franza tirrikonoxxi li l-ittri msemmija fil-premessa (7) ma kien fihom l-ebda informazzjoni rigward is-sistema ta' rimborż tal-kontribuzzjonijiet. Minkejja dan, Franza tispjega li dan ma jfissirx li dan ir-rimborż ma kellu l-ebda impatt fuq it-taxxa. Fil-fatt, b'mod konformi mal-prinċipji tal-liġi komuni għad-determinazzjoni tad-dħul taxxabbli, ir-rimbors ta' dawn il-kontribuzzjonijiet lill-impriżi tas-sajd li huma membri tal-FPAP kien prodott soġġett għat-taxxa fuq il-qligħ ta' dawn il-kumpaniji. Franza tispjega wkoll li, f'każ li l-prezz tal-fjuwil kien jaqbeż il-limitu stabbilit fil-ftehim ta' garanzija, il-kumpens miksub mill-impriżi membri tal-FPAP kien qligħ soġġett għat-taxxa fuq il-qligħ. B'konsegwenza ta' dan, l-impriżi membri ma kellhom l-ebda interess li jgħollu l-ħtiġijiet ta' kopertura tagħhom għaliex dan kien ifisser aktar taxxi.

(31) Min-naħa l-oħra, Franza tindika li l-karattru selettiv ta' miżura ta' għajnuna jista' jkun ġustifikat min-natura u l-ekonomija tas-sistema. Għalhekk, jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi li jiġġustifikaw trattament differenti u, għalhekk fejn hu xieraq, l-għoti ta' vantaġġi li jistgħu jirriżultaw minn dan. Madankollu Franza ma tipprovdi l-ebda element li jiġġustifika, f'dan il-każ, trattament differenti favur l-impriżi tas-sajd.

4.2. **Miżura fiskali favur l-FPAP**

(32) Franza tqis li l-eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpaniji li bbenefika minnha l-FPAP hija ġġustifikata min-nuqqas ta' qligħ ta' dan tal-aħħar kif ukoll min-natura tiegħu ta' assoċjazzjoni tal-professjonali.

(33) Franza tosserva li dan huwa konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, l-għan stess tat-taxxa tal-kumpaniji jikkonsisti fl-intaxxar tal-attivitajiet bi qligħ. Skont dan il-prinċipju, Franza tfakkar li l-Kummissjoni stess, fl-Avviż fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna tal-istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett ([10]) (iktar 'il quddiem "Avviż dwar it-tassazzjoni diretta"), tikkunsidra li jista' jkun iġġustifikat min-natura tas-sistema fiskali li l-impriżi li ma jagħmlux qligħ ikunu eżentati mit-taxxa fuq il-qligħ.

5. **EVALWAZZJONI**

(34) L-evalwazzjoni żviluppata fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura għandha tiġi riveduta u kkompletata fid-dawl tal-osservazzjonijiet ikkomunikati minn Franza fit-8 ta' Settembru u d-29 ta' Novembru 2008 (ara l-premessi 5 u 6).

(35) L-analiżi qed issir mill-perspettiva tal-iskop doppju tal-FPAP, jiġifieri, minn naħa, il-kisba tal-possibbiltajiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures taż-żejt jew tal-prodotti derivati minnu, u minn naħa oħra, il-ħlas tas-somma li tirrappreżenta d-differenza bejn il-prezz medju fix-xahar ta' referenza u l-"prezz massimu kopert" jew il-prezz ta' EUR 0,30 għal kull litru skont il-perjodu lill-impriżi tas-sajd li huma membri.

5.1. **Miżura fiskali favur l-impriżi tas-sajd**

(36) Il-miżura fiskali kkonċernata tikkonsisti fid-dritt li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impriżi tas-sajd lill-FPAP mid-dħul taxxabbli.

(37) Franza tikkunsidra li dan it-tnaqqis mhuwiex għajnuna fiskali minħabba li dawn il-kontribuzzjonijiet ġejjin mill-kategorija ta' spejjeż ġenerali tal-impriżi u li s-sistema fiskali Franċiża tipprovdi għat-tnaqqis ta' dawn l-ispejjeż mid-dħul taxxabbli. Għal din ir-raġuni, din hija implimentazzjoni ta' miżura ġenerali u dan it-tnaqqis mhuwiex għajnuna mill-Istat.

(38) Il-Kummissjoni tinnota li l-ispejjeż ġenerali jistgħu effettivament jiġu mnaqqsa mid-dħul tal-impriżi skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi Fiskali Ġenerali. Din hija miżura ġenerali li tapplika għall-impriżi kollha, irrispettivament mill-qasam ta' attività tagħhom. Dan id-dritt ta' tnaqqis għaldaqstant jirriżulta mill-kategorija ta' miżuri fiskali miftuħa għall-atturi ekonomiċi kollha msemmija fil-punt 13 tal-"Avviż dwar it-tassazzjoni diretta". Bħala tali, billi din il-miżura tapplika b'mod ugwali għall-impriżi u l-produzzjonijiet kollha, din mhijiex għajnuna mill-Istat.

(39) Franza tispjega li t-tnaqqis tal-ispejjeż li jaqgħu taħt l-ispejjeż ġenerali huwa ddeterminat skont ir-raġuni tal-ispejjeż. Jekk l-ispejjeż ikunu saru fl-interess tal-kumpanija, fil-prinċipju dawn jistgħu jitnaqqsu. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet mħallsa lil organizzazzjonijiet professjonali (assoċjazzjonijiet, kmamar tal-kummerċ, …) huma skont id-definizzjoni tagħhom spejjeż li jsiru fl-interess tal-kumpanija u dejjem għandhom jitnaqqsu mill-qligħ taxxabbli. Billi l-FPAP huwa assoċjazzjoni professjonali, it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni jaqa' taħt l-istess loġika.

(40) Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa (20) tad-Deċiżjoni 2008/936/KE, li "L-FPAP b'hekk huwa magħruf bħala soċjetà ta' assigurazzjoni mutwali li tipproponi lill-membri tagħha, b'kumpens għall-kontribuzzjonijiet tagħhom, ċertu numru ta' servizzi".

(41) Madankollu, il-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni jagħmlu parti mill-ispejjeż li l-impriżi jħallsu sabiex iħarsu lilhom infushom minn diversi riskji. Ir-riskju tal-varjazzjoni tal-prezz taż-żejt jista' jkun wieħed minn dawn ir-riskji. Dawn l-ispejjeż huma direttament marbuta mat-twettiq tal-attività professjonali u ma jikkontribwixxux għaż-żieda fl-assi tal-kumpanija; dawn ukoll jistgħu jitnaqqsu mid-dħul taxxabbli bħala spejjeż ġenerali. Għaldaqstant wieħed jista' jikkunsidra li l-kontribuzzjonijiet lill-FPAP li jitħallsu għar-riskju tal-varjazzjoni fil-prezz taż-żejt jistgħu jitnaqqsu mid-dħul tal-kumpaniji skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi Fiskali Ġenerali ta' Franza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din hija l-implimentazzjoni ta' miżura ġenerali. Dan id-dritt għat-tnaqqis għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

5.2. **Miżura fiskali favur l-FPAP**

(42) Il-Kummissjoni tinnota li l-FPAP ġie xolt fis-27 ta' Frar 2008. Id-dispożizzjonijiet fiskali favur l-FPAP intemmu fl-istess data.

(43) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li wara l-proċedura ta' likwidazzjoni, l-FPAP waqqaf b'mod definittiv kwalunkwe attività ekonomika. L-attivitajiet u l-assi tal-FPAP ma ġewx trasferiti lil xi kumpanija oħra. Barra minn hekk, il-fondi li seta' kellu l-FPAP fid-data tax-xoljiment tiegħu tħallsu lura lill-Istat, permezz tal-OFIMER, organizzazzjoni pubblika ffinanzjata mill-Istat.

(44) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li, anki jekk wieħed jassumi li l-miżuri fiskali favur l-FPAP kienu jikkostitwixxu vantaġġ għall-FPAP u tfixkil għall-kompetizzjoni, tali tfixkil intemm meta l-FPAP waqqaf l-attivitajiet tiegħu u meta ntemmu l-miżuri favurih. F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' tali għajnuniet fiskali u dwar il-kompatibbiltà potenzjali tagħhom mas-suq intern m'għandha ebda effett prattiku.

(45) Għaldaqstant, il-proċedura formali ta' investigazzjoni mibdija skont l-Artikolu 108 (2), tat-TFUE saret irrilevanti fir-rigward tal-FPAP.

([10]) ĠU C 384 10.12.1998, p. 3, (ara l-paragrafu 25).

6. **Konklużjoni**

(46) Fuq il-bażi tal-analiżi żviluppata fis-sezzjoni 5.1, il-Kummissjoni tinnota li l-vantaġġi fiskali mogħtija lill-membri tal-FPAP ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 (1) tat-TFUE.

(47) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet deskritti fis-sezzjoni 5.2, il-Kummissjoni tinnota li l-proċedura kontra l-FPAP hija irrilevanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri fiskali mogħtija minn Franza favur l-impriżi tas-sajd ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 (1) tat-TFUE.

Artikolu 2

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali mibdija skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-miżuri fiskali favur l-FPAP għandha tingħalaq.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Franza.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Maria DAMANAKI

Membru tal-Kummissjoni

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT